Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 111/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Bugeja talli fix-xhur ta' Novembru u ta' Dicembru 2004, u b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt iehor, naqas li jaghti l-manteniment jew parti mill-istess manteniment, dovut lil martu Anna Bugeja, ghaliha u/jew ghat-tfal minuri taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' April 2005 li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Bugeja hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u ordnat il-hlas ta’ mija w erbghin liri Maltin (Lm140) fi zmien xahar mid-data ta' dik is-sentenza lil Anna Bugeja taht penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) kuljum;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Carmel Bugeja pprezentat fit-15 ta’ April 2005, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u b’hekk tiddikjarah hieles minn kull imputazzjoni w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel zewg aggravji ta' l-appellant li jghidu testwalment hekk:

"1. Preliminarjament, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt 'tordna lill-esponent ihallas Lm140 fi zmien xahar lil Anna Bugeja ai termini ta' l-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9 taht penali ta' Lm2 kuljum' meta l-esponent ma nstabx hati. Fil-fatt minn ezami tas-sentenza appellata minn imkien ma jirrizulta li l-Ewwel Qorti sabet lill-esponent hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

2. Illi barra minn hekk is-sentenza appellata hija nulla peress illi fil-parti deciziva taghha hemm mankanti l-Artikolu tal-ligi li jikkontempla tali nfrazzjoni skond kif jipprovdi l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan huwa nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali li jista' jigi sollevat anki 'ex officio' (Ara 'Pulizija vs Rachel Tua' deciza fit-3 ta' Dicembru 2004, Qorti ta' l-Appell Kriminali)."

Dak li qieghed jattakka l-appellant mhijiex is-sentenza dattilografata a fol. 9 u 10 tal-process izda dak li jirrizulta proprju fuq l-ewwel pagna tal-process, cioe` fuq ic-

citazzjoni fejn il-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti kiteb testwalment hekk:

"Tordna hlas ta' Lm140 fi zmien xahar lil Anna Bugeja ai termini tal-Art. 377(3) Kap 9 taht penali ta' Lm2 kull jum."

Taht imbaghad hemm il-firma ta' l-istess Magistrat sedenti u d-data tal-5 ta' April 2005.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant ma jistax jissepara dak li hemm a fol. 1 minn dak li hemm a fol. 9 u 10. Is-sentenza a fol. 9 u 10, iffirmata mill-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti, tirrapprezenta dak li sehh u gie deciz fis-seduta tal-5 ta' April 2005. Wara kollox, anke minn ezami ta' fol. 1 jirrizulta li hemm il-fatti li taghhom l-appellant gie misjub hati - l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu - hemm ukoll l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat hemm imsemmi - art. 338(z) tal-Kap. 9 - u hemm ukoll il-"piena" li l-ewwel Qorti dehrilha li kellha taghti - kif miktuba mill-Magistrat sedenti. Is-sentenza traskritta a fol. 9 u 10 tikkonferma dan, cioe` li s-sentenza moghtija kontra l-appellant fil-5 ta' April 2005 ma tippekkax kontra l-imsemmi artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg aggravji ta' l-appellant u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------